# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump.659/98***

***Pulizija***
***Sp. Carmel Bartolo***
***v***
***Carmen Baldacchino***

Illum 11 ta' Dicembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reati kontemplati fl-Artikoli 308, 309, 183 u 184, 298(1)(b) u 298A b' referenza ghal-Artikolu 18 tal-Kap.9 – rifferibilment ghal-perijodu li jestendi *mix-xahar ta'* ***Mejju 1997 u fix-xhur ta' qabel***.

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Fil-**15 ta' April 1997** ghal habta tad-9.30 pm waqt li ufficjal gholi addett mas-socjeta' Maltacom kienet sejra lura d-dar mix-xoghol, hija lemhet zewg persuni go telephone box li wahda minhom kienet qeda iccempel. Din l-ufficjal ressqet lejn it-telephone booth bl-iskop li tivverifika jekk it-telecard li kienet qeda tintuza kienitx falza jew le. Skond ix-xhieda taghha it-telecard kienet mahruga il-barra circa zewg centimetri u allura kkonkludiet li kienet falza. Inoltre, il-persuna li kienet qeda ccempel dak il-hin kienet l-imputata. Meta rat hekk, hija hadet in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li kienu biha dawn iz-zewg persuni u sussegwentement informat lill-pulizija.

Illi din l-ufficjal ghamlet verifiki mar-records tal-Korporazzjoni minn fejn irrizulta li dak in-nhar bejn 21.12 pm u 21.23 pm kienu saru tlett telefonati lejn l-Argentina: wahda fuq in-numru **546 123 0846** u zewg calls fuq in-nurmu **546 125 9225**.

Illi din l-informazzjoni giet mghoddija lill-pulizija, u fit-24ta' Ottubru 1998 l-Ispettur Carmel Bartolo baghat ghall-imputata sabiex jinterrogaha. Din irrilaxxjat stqarrija u ffirmataha.

Illi f' din l-istqarrija l-imputata ammettiet li fis-sena 1997 kienet avvicinataha persuna u offrietilha li tbeghla telecard falza ossia minn dawk li ma jispiccaw qatt. Hija accettat u **skond hi halset LM350**. L-imputata stqarret li hija kellha tifla tghix l-Argentina u kienet iccempillha spiss. Qalet ukoll li din it-telecard li kienet xtrat, ma baqghetx tahdem. Hija qalet *" ... ma nafx kemm ilhaqt ghamilt telefonati, pero' ma kienux hafna. Anqas biss gibt il-flus li kont infaqt f' din il-card"*

Hija ammettiet ukoll lill-imsemmi Spettur li kienet uzataha sabiex iccempel lit-tifla taghha l-Argentina fuq in-numru **00541 748 6837.** Fuq domanda tal-Ispettur, hija kompliet tghid li *"Mhux l-ewwel darba li ma nkunx sibt lit-tifla id-dar u incempel biex nistaqsi ghaliha ghand il-habiba*

*taghha li ghandha in-numru 00546 1230 846.* ***<u>Pero dan ma jfissirx li kont incempel hemm bit-telecard falza</u>.”****(emfasi u sottolinear tal-Qorti).*

Illi fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti l-imputata qalet li hija tbati minn depressjoni, u ghalkemm ammettiet li kienet qalet dak id-diskors lill-Ispettur, hija pero’ sostniet li kienet qalitu ghax hassa mbezza u li l-kontenut tal-istqarrija ma kienx veritier.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi fl-ewwel lok u in vena legali l-Qorti tosserva li l-fatti imputati lill-Carmen Baldacchino ma jikkostitwux ir-reat kontemplat fl-Artikolu 308, stante l-mankanza lampanti tal-ingredient tal-*messa in scena*. Lanqas ma jista’ jikkonfigura r-reat kontemplat fl-artikolu 184, stante li *telecard* ma tikkwalfikax bhala dokument fit-termini ta’ din il-parti tal-ligi. Inoltre, ma hemm ebda prova li l-imputata iffalsifikat it-*telecard* u ghalhekk ma jista’ qatt jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikolu 183 tal-Kap.9

Illi fil-fehma tal-Qorti l-akkuzi li huma relevanti ghall-finijiet tal-ezami odjern huma dawk bazati fuq l-Artikoli 309, 298(1)(b) u 298A tal-imsemmi Kap.

Illi fil-**meritu** l-Qorti tikkonsidera opportuni is-segwenti osservazzjonijiet: Illi l-prosekuzzjoni qeda sserrah il-kaz taghha fuq zewg pilastri: Il-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata, u x-xhieda tal-ufficjal tal-Maltacom.

***<u>L-stqarrija tal-imputata</u>***

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tghamilha cara li fil-fhema taghha ma jezistux dawk il-fatturi li, skond il-ligi, jivvizzjaw stqarrija. Hemm provi sufficjenti li jikkonfermaw l-aspett volontarju ta’ dan l-element ta’ prova, u di piu’ ma hemm xejn x’ jigi ccensurat fl-agir tal-ufficjal li ghamel l-interrogatorju, cioe’ l-Ispettur Carmel Bartolo. Jekk l-imputata ma kienitx preciza fir-risposti taghha jew ma kienitx veritiera, dak huwa aspett iehor

tal-vertenza in disamina; izda din il-prova *ut sic* bhala element ta' prova hija prova valida skond il-ligi.

Illi rigward il-kontenut tal-istqarrija – rilaxxjata fl-**24 ta' Ottubru 1998** - il-Qorti tosserva li minn imkien ma jirrizulta b' mod car kif jitob id-dritt penali li l-imputata ammettiet li kkommettiet il-fatti imputati lilha fil-perijodu inkriminat u cioe ***"f' xi jiem matul ix-xahar ta' Mejju 1997 u fix-xhur ta' qabel.***

Fl-ewwel risposta taghha, fejn l-imputata spjegat li kienet xtrat it-telecard falza u kienet uzata, hija indikat bhala perijodu *"is-sena li ghaddiet 1997"* Dan ifisser li l-attivita' kriminuza in disamina setghet giet kommessa mill-imputata **wara** Mejju 1997 u ghalhekk oltre l-limitu tal-perijodu inkriminat.

Illi inoltre, rigward id-data tas-17 ta' April 1997, l-imputata fuq mistoqsija tal-ufficjal investigattiv qalet *"**jista' jghati l-kaz** li kont qed incempel b' din it-telecard falza, ghax darba cempilt minn dan il-phone booth."(emfasi tal-Qorti).*

Jidher car minn dawn iz-zewg osservazzjonijiet li ma jistax jinghad li b' dan id-diskors l-imputata ammettiet il-fatti dedotti fl-akkuza. Dan id-diskors jhalli spazju kbir **ghal dubbju serju u kongetturi li fil-kamp penali ma jistghux jwasslu ghas-sejbien ta' htija**.

Illi fattur iehor li huwa relevanti ghall-finijiet tal-ezami odjern jirrigwarda n-numru tat-telephone li l-imputata kienet tuza t-*telecard* falza sabiex iccempel lit-tifla taghha fuqu. Dan kien **00541(6) 7486837**. Mill-banda l-ohra, rigward it-telephone number **00546 1230846** din ma ammettitx li kienet iccempel f' dan in-numru bit-telecard falza. Fi kliemha stess: *"Pero' dan ma jfissirx li kont incempel **hemm** bit-telecard falza."* Fi kliem iehor, filwaqt li ammettiet li kienet iccempel lit-tifla bit-telecard falza, tali ammissjoni ma testendix ghal dan l-ahhar numru.

In vena legali, il-Qorti tosserva li sabiex ammissjoni jkollha l-effetti kollha tal-ligi, trid tkun cara u univoca, u ma tridx thalli lok ghal dubbju ragjonevoli li jinnewtralizza l-effetti probatorji taghha.  Fil-kaz in disamina, il-Qorti tosserva li l-fatti ammessi mill-imputata fl-istqarrija taghha, ma jwasslux ghal amissjoni tal-fatti dedotti fl-akkuzi fil-konfront taghha.

***<u>Xhieda Ingrid Azzopardi</u>***

It-tieni pilastru li fuqu l-prosekuzjoni qeda sserrah l-akkuzi f' dan il-kaz hija d-deposizjoni tal-ufficjal tal-Maltacom Ingrid Azzopardi.  Din qalet li fil-**15 ta' April 1997** hija kienet rat lill-imputata iccempel minn telephone booth specifiku u kienet osservat li kienet qeda tintuza *telecard* falza **<u>peress li dina dehret li kienet ftit centimetri l-barra mis-sloth.</u>**

Illi in propositu l-Qorti tosserva li fil-kamp penali l-provi ghandhom ikunu tali li ma jhallu ebda dubbju ragjonevoli.  F' dan ir-rigward, l-Qorti ma thoss li dak li sostniet li rat din ix-xhud jlahhaq ghall-grad ta' prova li trid il-ligi.  Mhijiex prova sodisfacenti tal-falsita' tat-*telecard* li kienet qeda tintuza dak il-hin, il-fatt *per se,* li din ix-xhud, minn barra t-telephone booth, rat il-card barra mill-isloth circa zewg centimetri.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-prova tal-falsita' tat-telecard li l-imputata kienet qeda tuza dak il-hin setghet tirrizulta (1) jew minn ammissjoni tal-imputata, jew (2) minn ezami tat-telecard in parola.  In mankanza ta' dawn iz-zewg elementi ta' prova, dan l-ingredient ma jista' jistqies bhala sodisfacentement provat.

Din il-konkluzjoni tal-Qorti tkompli tissahhah bix-xhieda ta' Ingrid Azzopardi stess meta rifferibilment ghat-telefonati li saru fil-**15 ta' April**, mill-verifiki li ghamlet  irrizultalha li, ghalkemm il-calls kienu saru lejn l-Argentina, dawn kienu fuq zewg numri (**546 123 0846**  u  **456 125 9225) li ma humiex in numru li l-imputata fl-istqarrija taghha kienet ammettiet li ccempel bit-telecard falza lit-tifla taghha**.   Dan il-fatt ikompli jdghajjef il-kaz tal-prosekuzjoni, stante li ma hemmx prova

sodisfacenti li dak il-hin li Ingrid Azzopardi kienet rat lill-imputata iccempel, dina kienet fil-fatt qeda tghamel uzu mit-telecard falza.
Illi di piu' x-xhud ma setghetx tirrispondi ghal certu domandi rilevanti rigwardanti t-telecard li sostniet li kienet falza u cioe' il-kulur taghha. Waqt il-kontro ezami fuq dan il-punt hija qalet hekk: *"Jiena kont involut f' hafna kazijiet, jigifieri biex tghidli dan ezattament way back in 1997, we are speaking issa two years ago".* Fi kliem iehor ix-xhud qed tghid li ghaddha hafna zmien u certu dettalji – li pero' huma relevanti ghall-finijiet tal-ezami odjern – ma kienitx tiftakarhom. Dan il-fattur jkompli jdghajjef il-kaz tal-prosekuzzjoni.

In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzjoni ma rnexxielhiex tipprova l-kaz fil-grad li jesigi d-dritt penali, u ghalhekk l-akkuzi dedotti kontra l-imputata ma jistghux jreggu.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata hatja skond l-akkuzi u tilliberaha minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***

Vera Kopja

Bruno Zahra
Deputat Registratur